

Parti fil-kawża prinċipali

QB (*)

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjeġġi ta' skart ⁽¹⁾, moqri flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007, tad-29 ta' Novembru 2007, li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax ⁽²⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li teżisti projbizzjoni ta' trasferiment, lejn il-Libanu, ta' skart mill-grupp ta' skart B 1120 tal-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel, tat-22 ta' Marzu 1989, fuq il-kontroll tal-moviment transkonfinali ta' skart perikoluż u tar-rimi tagħhom?

⁽¹⁾ ĠU L 190, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 316, p. 6.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2010 — Il-Kummissjoni Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika**(Kawża C-410/10)**

(2010/C 288/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg***Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Karanasou-Apostopoulou u G. Braun)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li, billi ma adottatx jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx lill-Kummissjoni l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2007/36/KE fis-sistema legali nazzjonali skada fit-3 ta' Awwissu 2009.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Prato (l-Italja) fit-18 ta' Awwissu 2010 — Proċeduri kriminali kontra Michela Pulignani, Alfonso Picariello, Bianca Cilla, Andrea Moretti, Mauro Bianconi, Patrizio Gori, Emilio Duranti, Concetta Zungri**(Kawża C-413/10)**

(2010/C 288/40)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Qorti tar-rinviju**

Tribunale Ordinario di Prato.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Michela Pulignani, Alfonso Picariello, Bianca Cilla, Andrea Moretti, Mauro Bianconi, Patrizio Gori, Emilio Duranti, Concetta Zungri

Domandi preliminari

(1) Il-leġiżlazzjoni Taljana li tittratta l-ġbir ta' mħatri stabbilita fl-Artikoli 4 tal-L. Nru 401/89 u 88 tad-D. R. Nru 773/31, kif emendati bl-Artikoli 37(4) u (5) tal-L. Nru 388 tat-23.12.2000, 38 tad-D.L. Nru 223/06 u bl-Artikolu 23 tal-abbozz ta' ftehim ippubblikat fil-ĠUKE tat-30.08.2006, hija kompatibbli mal-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fit-23 ta' Awwissu 2010 — Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Entrate vs 3 M Italia Spa**(Kawża C-417/10)**

(2010/C 288/41)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Qorti tar-rinviju**

Corte Suprema di Cassazione (l-Italja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Entrate

Konvenuta: 3 M Italia Spa.

- (5) Il-prinċipju ta' effettività tad-dritt Komunitarju jipprekludi regola ta' proċedura straordinarja u limitata fiż-żmien, li tneħħi l-istħarriġ tal-legalità (u b'mod partikolari l-istħarriġ tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretta tad-dritt Komunitarju) minn idejn il-qorti tal-aħħar istanza, li għandha l-obbligu li tirrinwija domandi preliminari dwar validità u interpretazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea?

Domandi preliminari

- (1) Il-prinċipju li ma tistax tabbuża mid-dritt fil-qasam fiskali, kif iddefinit fis-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, Ġabra 2006 p. I-1609) u tal-21 ta' Frar 2008, Part Service (C-425/06, Ġabra 2008 p. I-897), huwa prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju li japplika biss fil-qasam tat-taxxi armonizzati u fl-oqsma rregolati minn regoli tad-dritt Komunitarju sekondarju, jew jestendi, bħala ipoteżi ta' abbuż tal-libertajiet fundamentali, għall-qasam tat-taxxi mhux armonizzati, bħat-taxxi diretti, meta l-intaxxar ikopri fatti ekonomiċi transnazzjonali, bħall-akkwist ta' drittijiet ta' tgawdija minn kumpannija tal-ishma ta' kumpannija oħra, li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz?
- (2) Indipendentement mir-risposta għad-domanda preċedenti, hemm interess Komunitarju fil-fatt illi l-Istati Membri jipprovdu strumenti xierqa biex jiġġieldu kontra l-evazzjoni fiskali fil-qasam tat-taxxi mhux armonizzati; tali interess jipprekludi n-nuqqas ta' applikazzjoni, fil-kuntest ta' miżura ta' amnestija, tal-prinċipju ta' abbuż ta' dritt, irrikonoxxut ukoll bħala regola tad-dritt nazzjonali; f'każ bħal dan, hemm ksur tal-prinċipji li jirriżultaw mill-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?
- (3) Il-prinċipju li jirregolaw is-suq wieħed jinkludu projbizzjoni milli, minbarra l-miżuri straordinarji ta' rinunzja totali għal kreditu fiskali, tiġi stipulata miżura straordinarja li tirregola l-estinzjoni ta' kawżi fiskali, b'applikazzjoni limitata fiż-żmien u bil-kundizzjoni li titħallas biss parti minima mit-taxxa dovuta?
- (4) Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u r-regolamentazzjoni fil-qasam tal-ġhajnuna mill-Istat jostakolaw is-sistema ta' estinzjoni ta' kawżi fiskali li dwarha tittratta din il-kawża?

Appell ippreżentat minn Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH fit-23 ta' Awwissu 2010 mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) mogħtija fis-7 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-60/09 — Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Stabilator sp. z o.o.

(Kawża C-418/10 P)

(2010/C 288/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Herhof-Verwaltungsgesellschaft mbH (rappreżentanti: A. Zinnecker u S. Müller, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Stabilator sp. z o.o.

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Lulju 2010 fil-Kawża T-60/09,
- tiddeċiedi dwar il-kwistjoni b'mod definittiv u tilqa' t-talbiet tal-appellanti fl-ewwel istanza,
- sussidjarjament, tilqa' l-ewwel talba tagħha li tannulla s-sentenza u tirrinwija l-każ lill-Qorti Ġenerali,